MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 176/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Tabone**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Tabone talli fil-kwalita` tieghu ta' Direttur ta' Tabone Computer Centre LTD, fil-25 ta' Ottubru 2002 huwa temm il-kuntratt definit ta' Mario Sammut Alessi, liema kuntratt kellu jiskadi fid-9 ta' Ottubru 2003, u naqas li jikkumpensah fl-ammont ta' Lm2633.65; il-prosekuzzjoni talbet li jsir dan il-hlas;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' April, 2007 li permezz taghha dik il-qorti ddikjarat ruhha "inkompetenti li tisma' din il-kawza" u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu ppresentat fl-4 ta’ Mejju 2007 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza r-risposta ta’ l-appellat Tobone; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta’ Gunju 2007; ikkunsidrat:

Tajjeb li qabel xejn jinghad li din hi t-tieni darba li din il-kawza giet quddiem din il-Qorti. In fatti c-citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva, bl-imputazzjoni kif fuq riportata, harget fl-10 ta’ Lulju 2003. Fl-20 ta’ Ottubru 2005 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (sedenti l-Magistrat Dott. Joseph Cassar) kienet ordnat lil Tabone jhallas lil Sammut Alessi Lm2633.65 kif mitlub fic-citazzjoni, u kkundannat lill-istess Tabone multa ta’ Lm200. Tabone appella minn din is-sentenza fuq diversi aggravji fosthom – u l-ewwel wiehed – li l-ewwel qorti ccitat hazin il-ligi “meta ghamlet referenza ghall-ligi zbaljata billi saret referenza ghall-Kap. 135 li kien gie revokat mill-Kap. 452”. B’sentenza ta’ din il-Qorti, sedenti l-Onor. Imhallef David Scicluna, tat-28 ta’ Lulju 2006, is-sentenza tal-Qorti Inferjuri giet annullata, izda mhux ghal xi raguni migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu, imma fuq punt sollevat *ex officio* mill-istess Qorti Superjuri, u cioe` li *“l-ewwel Qorti ma ddikjaratx li kienet qed issib htja fl-appellant ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu”*. Meta l-kawza regghet marret quddiem il-Qorti tal-Magistrati (sedenti issa l-Magistrat Dott. Antonio Mizzi), l-imputat Tabone jidher li rega’ ssottometta[1] l-inkompetenza tal-Qorti tal-Magistrati in vista tal-fatt li skond hu l-Kap. 452 jaghti gurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali. Fis-sentenza taghha, illum appellata, il-Qorti Inferjuri qalet hekk:

**“Illi l-bazi ta’ din il-kawza taqa’ taht il-parametri tal-artkolu 36(11) tal-Kapitolu 452 fis-sens li l-imputat qed jallega li ghandu ragun li kecca lill-impjegat tieghu minghajr ma hallsu. Min-naha l-ohra d-Dipartiment**

[1] Jinghad “rega’ ssotometta” ghax dan kien wiehed mill-aggravji sollevati fir-rikors ta’ appell tal-1 ta’ Novembru 2005.

**qed jallega li l-imputat hu fid-dover skond il-ligi li jhallas lill-impjegat tieghu u li t-tkeccija tieghu kienet kontra l-ligi.**

**“Illi huwa car li din il-Qorti mhix is-sede adegwata biex tisma’ din il-kawza billi din hi materja riservata esklussivament lit-Tribunal Industrijali skond l-Artikolu 75(1) tal-Kapitlu 452. F’dan il-kuntest qed issir referenza ghall-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta’ Frar 2005 fl-ismijiet *Rita Nehls v. Sterling Travel and Tourism Limited* fejn din il-Qorti ttrattat dan il-punt specifku u tat anke esposizzjoni storika ta’ dan l-artikolu hawn fuq imsemmi.**

**“Ghaldaqstant, din il-Qorti tiddikjara li hi nkompetenti li tisma’ din il-kawza u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-istess kawza.”**

Minn din is-sentenza appella l-Avukat Generali, b’rikors intavolat fl-4 ta’ Mejju 2007. L-aggravju tal-appellant Avukat Generali hu, bazikament, li l-ewwel qorti kienet skorretta meta issa ddecidiet li ma kienitx kompetenti li tisma’ l-kawza. L-appellat Tabone, f’risposta bil-miktub ghal dana l-appell, eccepixxa preliminarjament illi r-rikors kien null “stante li ma jsemmix fatti rilevanti” li jimpingu fuq l-aggravju ta’ l-istess Avukat Generali.

Jibda biex jinghad li din il-Qorti ma tirravviza ebda nullita` fir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali. Dan fih il-fatti fil-qosor – veru li b’mod parsimonjuz ghall-ahhar – b’tali mod li jissodisfa l-minimu rikjest ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 419(1)(a) tal-Kodici Krminali. Kwantu ghall-meritu ta’ l-appell, din il-Qorti, wara li ezaminat id-disposizzjonijiet kollha relevanti kif ukoll is-sentenzi li ghamlu referenza ghalihom il-partijiet, hi tal-fehma li l-appellant Avukat Generali ghandu ragun. L-imputazzjoni migjuba kontra l-appellat tipotizza reat, u dan ir-reat jidher li huwa kontemplat fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 135. Dan qed jinghad ghax l-imputazzjoni tirreferi ghall-25 ta’ Ottubru 2002 meta allura kien ghadu fis-sehh interament l-imsemmi Kap. 135 – il-Kap. 452 ma bediex jigi fis-sehh qabel it-2 ta’ Dicembru 2002. Huwa appena neccessarju,

ghalhekk, li ssir referenza ghad-disposizzjoni ta' l-Artikolu 12(1) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249) li jipprovdi testwalment hekk:

**"12. (1) Meta xi Att mghoddi wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att ihassar xi ligi ohra, kemm-il darba ma jidhirx hsieb kuntrarju, t-thassir m'ghandux:-**

**(*a*) jerga' jgib fis-sehh xi haga li ma tkunx fis-sehh jew li ma tkunx tezisti fiz-zmien li fih isehh it-thassir;**
**(*b*) jolqot it-thaddim ta' xi lixi qabel ma kienet hekk imhassra jew xi haga maghmula jew li thalliet issir that xi ligi hekk imhassra;**
**(*c*) jolqot xi dritt, privilegg jew responsabbiltà miksuba jew mehuda taht xi legislazzjoni hekk imhassra jew li gejja minn xi legislazzjoni bhal dik;**
**(*d*) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wiehed seta' jehel dwar xi reat li jkun sar kontra xi ligi hekk imhassra, jew xi responsabbiltà ghal xi penali, konfiska jew piena bhal dawk;**
**(*e*) jolqot kull stharrig, procedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privilegg, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,**

**u kull stharrig, procedimenti legali, jew rimedju bhal dawk jistghu jinbdew, jitkomplew, jew jigu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bhal dawk jistghu jigu mposti, bhallikieku l-Att li jhassar ma jkunx ghadda."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Apparti minn dan, pero`, anke li kieku dawn il-proceduri kellhom jitqiesu li nbdew skond id-disposizzjonijiet tal-Kap. 452, jidher li mhux qed tinghata konsiderazzjoni sufficjenti kemm ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 3 u 6 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll ghal dak li verament jipprovdi l-Artikolu 75(1) tal-imsemmija ligi – ligi li kkonsolidat il-Kapitoli 135 u 266. Kif inhu risaput, il-kawza penali u l-kawza civili huma separati u distinti minn xulxin. Inoltre, ma hemm xejn x'josta li Qorti ta' Gustizzja Kriminali, meta tigi biex tiddetermina jekk hemmx l-estremi tar-reat, tiehu konjizzjoni u taghmel indagini anke dwar materja ta' indoli

civili, purche` dik l-indagini ta' indoli civili ma tkunx tirrikjedi xi ezami approfondit jew ikkumplikat, u purche` wkoll li l-prova dwar dak l-aspett civili tkun tista' ssir facilment quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali – ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-1 ta' Settembru 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Charles Chircop**.

Issa, kif tajjeb osserva l-appellant Avukat Generali, l-Artikolu 75(1) tal-Kap. 452, li fuqu jidher li bbazat kollox l-ewwel qorti, jghid car u tond li l-esklussivita` tat-Tribunal Industrijali ma tapplikax fir-rigward ta' "proceduri dwar reati kontra xi ligi", u allura anke meta r-reat ikun johrog mill-istess Kap. 452:

**"75. (1) Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi –**

**(*a*) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta; u**
**(*b*) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu,**

**ghal kull ghan <u>barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi</u>, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skond it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra…"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Huwa car, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-esklussivita` li qed titkellem dwarha l-ligi hija ghall-finijiet ta' proceduri "civili" ossia mhux ta' natura penali, u anke qari akkurat tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Rita Nehls v. Sterling Travel and Tourism Limited**, imsemmija fis-sentneza appellata, ghandha tikkonferma dan. Din id-disposizzjoni hija prattikament riproduzzjoni tal-Artikolu 28 tal-Kap. 266, liema disposizzjoni wkoll kienet teccetwa l-proceduri dwar reati. Finalment jigi osservat ghal kull buon fini li meta l-Artikolu 45 tal-Kap. 452 jipprovdi ghall-hlas lill-impjegat jew apprendista, tali

hlas huwa parti integrali mis-sentenza ta’ indoli penali u allura parti mill-piena, ghalkemm l-esekuzzjoni ssir bil-procedura civili.

Ghalhekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ma jistax ikun hemm dubbju li fil-kaz in dizamina l-Qorti tal-Magistrati ghandha l-kompetenza li tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat Joseph Tabone u tiddeciedi dwarha u li tiddetermina kull aspett tal-kawza, inkluza l-linja difensjonali sollevata mill-istess Tabone li huwa kellu ragun ikecci lill-impjegat minghajr ma jhallsu.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u, biex ma tipprivax lill-appellat mill-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudkatura Kriminali biex din tiddeciedi l-kawza fil-meritu konformemnet ma’ dak hawn fuq deciz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------